MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Numru. 363/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**
**KONTRA**

**SANDRO BONELLO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Sandro Bonello ta’ 32 sena, bin George u Matilde nee’ Zammit, mwieled Pieta, nhar is- 26 ta’ Ottubru 1977, residenti fil- fond Mavis, 2, Triq il- Bajja, Marsascala u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 529577(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Fis- 16 ta’ April 2009 ghall- habta tal- 4.30pm u hinijiet qabel waqt li kien fir- residenza bl- isem Sunrise Flats sitwata fi Triq il- Knisja, Rahal Gdid minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil- gisem jew fis- sahha ta’ persuna ohra cioe’ ikkaguna ferita ta’ natura grai li gabet mankament jew sfregju fil- wicc ta’ Charlene Bonello minn Rahal Gdid skond ma ccertifika t- tabib Dr.Yurgen R. Gatt Reg. 3093 mill- Isptar Mater Dei u li l- istess ferita tista’ ggib difett permanenti f’parti tal- ghamla tal- gisem ta’ Charlene Bonello;

2) Akkuzat ukoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi minghajr il- hsieb li joqtl jew li jqieghed il- hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil- gisem jew fis- sahha ta’ persuna ohra cioe’ ikkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ John Cortis minn Rahal Gdid skond ma ccertifika Dr. Mark Grech Reg 2905 mic- Centru tas- Sahha Rahal Gdid;

3) Akkuzat ukoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi, Sandro bl- imgieba tieghu ikkaguna biza’ lil Charlene Bonello minn Rahal Gdid li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l- propjeta’ taghha jew kontra l- persuna jew il- propjeta’ ta’ xi hadd mill- axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuni ohra;

4) Ukoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil Charlene Bonello u John Cortis it- tnejn minn Rahal Gdid, ingurji jew theddid mhux imsemmi band’ ohra fil- Kodici Kriminali;

5) Ukoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi, b’xi mod iehor mhux imsemmi band’ ohra fil- Kodici Kriminali kiser volontarjament il- buon ordni jew il- kwiet pubbliku;

6) Ukoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi imbotta lil Charlene Bonello minn Rahal Gdid biex iwegghaha jew jinsulentaha.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216 (1) (a) (iii) (b) (d), 221 (1), 222(1) (a), 251 B, 338 (dd), 339 (e) u 339 (l) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija sospiza ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 28 A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Torbot lill-imputat b' garanzija tieghu nnifsu ai termini tal- Artikolu 383 tal- Kapitolu 9 ghal sena favur Charlene Bonello u l- familjari taghha, taht penali ta' elf ewro (€1000).

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------